

32004D0650

L 298/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.9.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Settembru 2004

li temenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet ta' pulizija sanitarja applikabbli għall-moviment mhux kummerċjali ta' animali ta' kumpanija sabiex titqies l-adeżjoni ta' Malta

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/650/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57 tiegħu,

Billi:

- (1) Għal ċerti atti adottati mill-Unjoni Ewropea, li jibqgħu validi wara l-1 ta' Mejju 2004, u li jeħtieġu adattament minħabba l-adeżjoni, ma ġewx provduti l-adattamenti meħtieġa fl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, b'mod partikolari f'Anness II ta' dan.
- (2) Fost dawn l-atti hemm ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet veterinarji li japplikaw, b'mod partikolari, għal movimenti mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u nimsa domestiċi.
- (3) Malta li qabel kella sistema ta' 6 xhur kwarantina għall-ispeċi kkonċernati importati abbandunat din is-sistema sabiex titrasponi u timplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 mit-3 ta' Lulju 2004.
- (4) Fil-proċess tan-negozjati tat-tkabbir kien aċċettat li peress li Malta hija gżira bi status ta' saħħa ħieles mir-rabja bħal dak ta' l-Irlanda, ir-Renju Unit u l-Iżvezja, għandha tiġi ttrattata fl-istess kategorija bħal dawn it-tliet Stati Membri.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jaqsam l-Istati Membri f'żewġ kategoriji skond l-istorja tal-kontrolli tagħhom kontra r-rabja, u jagħti lill-Isvezja, l-Irlanda u r-Renju Unit perjodu ta' transizzjoni ta' ħames snin għal kontrolli fuq klieb, qtates u nimsa li jkunu deħlin fit-territorju tagħhom.
- (6) Għalhekk Malta għandha tiżdied fil-lista ta' Stati Membri li nġhataw perjodu ta' transizzjoni bis-saħħa ta' Regolament (KE) Nru 998/2003.

- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 6 paragrafu 1:

- fl-ewwel linja ta' l-ewwel sentenza l-kliem "minn Malta", jiżdiedu wara l-kelma "Irlanda";
- fit-tielet paragrafu l-kliem "dawn it-tliet Stati Membri" jiġu sostitwiti bil-kliem "dawn l-erba' Stati Membri".

2. F' Anness II, "Lista ta' pajjiżi u territorji", parti A, il-kelma "Malta" tiżdied wara l-kelma "l-Irlanda".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar it-13 ta' Settembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT

⁽¹⁾ ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 33.⁽²⁾ ĠU L 146, tat-13.6.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 592/2004 (ĠU L 94, tal-31.3.2004, p. 7).